Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 23/2017

**Fil-kwistjoni tax-xoghol numru 3208:**

**Pauline Basile Pace**

**vs**

**Malta Football Association**

23 ta' April, 2018.

1. Permezz ta' rikorsipprezentat fid-19 ta' Frar, 2014 fit-Tribunal Industrijali, ir-rikorrenti ppremettiet li kienet impjegata mal-Assocjazzjoni intimata sa mit-8 ta' Marzu, 1993 u li l-impieg taghha gie terminat hesrem minghajr raguni tajba u sufficjenti fil-ligi, nhar it-2 ta' Jannar, 2014, meta kienet qeghda taghti servizz fi hdan il-Legal and Football Governance Department. Talbet lit-Tribunal jisma' l-kaz taghha ta' tkeccija mill-impieg u li jaghti l-provvedimenti skont il-ligi, inkluz li jikkundanna lill-kumpannija ntimata taccettaha lura ghax-xoghol u jikkundanna lill-istess kumpannija thallasha l-kumpens li t-Tribunal jidhirlu xieraq.

2. Il-Malta Football Association wiegbet li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom peress li nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li t-terminanzzjoni kienet imsejsa fuq ragunijiet gusti, validi u sufficjenti, u ghalhekk fil-parametri tal-ligi.

3. B'sentenza tas-27 t'April, 2017, it-Tribunal, wara li ra u kkunsidra l-*istatement of case* tal-partijiet, evalwa l-evidenza tax-xhieda mressqa, kkunsidra kemm id-dokumenti esebiti, kif ukoll is-sottomissjonijiet finali u addizzjonali tal-partijiet, iddecieda li jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, billi sab li gie miksur id-dritt tal-principju tal-gustizzja naturali meta l-impieg taghha gie tterminat b'mod sommarju u ma gietx moghtija l-opportunità li tiddefendi l-kaz taghha b'mod xieraq. Kwindi ddecieda li t-terminazzjoni ta' l-impieg taghha hija ngusta u saret bi ksur tal-ligi. It-Tribunal ddecieda wkoll, li hija terga tinghata lura l-

impieg mal-Malta Football Association fi zmien hmistax-il gurnata mid-data tad-decizjoni.

4. Rat il-konsiderazzjonijiet li fuqhom sejjes id-decizjoni tieghu t-Tribunal, fejn inghad:

*"It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-Kaz, u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa li r-rikorrenti kienet ilha mpjegata mal-Malta Football Association ghal ghoxrin sena u matul dan il-perjodu ta' l-impieg qatt ma kellha kazijiet ta' dixxiplina.*

*It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li wara sbghatx il-sena fis-servizz ta' l-Assocjazzjoni fejn giet impjegata bhala segretarja u PA tal-President u kellha xoghol ta' certu impenn, li kien jghatiha motivazzjoni fuq il-post tax-xoghol, din is-sitwazzjoni tax-xoghol taghha bdiet tinbidel fl' 2010, meta kien hemm bidla fil-Presidenza ta' l-Assocjazzjoni u ghal ragunijiet li jafhom biss il-President il-gdid is-Sur Norman Darmanin Demajo, beda jibdel il-funzjonijiet tax-xoghol tar-rikorrenti sakemm minn Segretarja u PA tal-President giet moghtija xoghol fil-Legal Department, li kif gie spjegat lit-Tribunal Industrijali kien xoghol ta' filing.*

*It-Tribunal Industrijali dwar dan l-aspett huwa tal-fehma, li ma kienx gust li giet mibdula l-funzjoni tax-xoghol tar-rikorrenti minn dik il-funzjoni li originarjament giet impjegata ghalih, specjalment meta dan sar b'modd li lanqas giet ikkonsultata jew giet moghtija spjegazzjoni lilha ghaliema ragunijiet kienet qed issir din il-bidla fil-funzjoni tax-xoghol taghha wara li kienet ilha twettaqhom ghal sbghatax il-sena.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra l-modd kif gie terminat l-impieg tar-rikorrenti li permezz ta' email li giet moghtija lilha mir-receptionist u giet infurmatha li l-impieg taghha gie tterminat b'modd sommarju, jigifieri li giet imkeccija minn fuq il-post tax-xoghol instantament. It-Tribunal Industrijali f'dawn il-kunsiderazzjonijiet jikkunsidra wkoll, li minkejja li l-email tat-terminazzjoni ta' l-impieg, l-Assocjazzjoni nfurmat lir-rikorrenti x'kienu r-ragunijiet li kienet qed tittermina l-impieg taghha pero l-punt principali jibqa, li l-Assocjazzjoni ddecidiet li r-rikorrenti kienet hatja minghajr ma qabel tghatha l-opportunita li anke jekk trid bil-persuna tal-ghazla taghha tiddefendi b'modd xieraq il-kaz taghha.*

*F'diversi okkazzjonijiet, dan it-Tribunal Industrijali kemm il-darba sahaq, li meta jkun hemm kaz ta' Dixxiplina fil-konfront ta' impjegat u jkun jirrikjedi li jittiehdu passi dixxiplinari fil-konfront tieghu, min ihaddem ghandu jinforma lill-impjegat bil-miktub x'kienu n-nuqqasijiet tieghu u jindikalu data u l-hin meta se tkun se ssir laqgha biex l-impjegat anke jekk irid ikun assistit b'persuna ta' l-ghazla tieghu, biex jiddefendi l-akkuzi li jkunu qed isiru fil-konfront tieghu".*

5. Kull parti appellat mis-sentenza, ir-rikorrenti permezz ta' rikors u l-intimata permezz ta' appell inċidentali.

6. Rat ir-rikors tal-appell principali ta' Pauline Basile Pace fejn ilmenta li filwaqt li t-Tribunal Industrijali sab favur taghha li t-tkeccija kienet ingusta u bi ksur tal-ligi, r-rimedju moghti ma kienx wiehed xieraq u skont il-ligi, sabiex tissewwa l-hsara li hija sofriet konsegwenza tal-fatt li ma nghatatx smiegh xieraq fil-process tal-licenzjament taghha. Tishaq li r-rizultat naturali ta' decizjoni fejn inghad li gie lez id-dritt taghha ghal smigh xieraq bi ksur tal-principju tal-gustizzja naturali, kellu jkun mhux biss li tinghata lura l-impieg taghha izda li titpogga lura fis-sitwazzjoni li kienet fiha qabel ma tilfet l-impieg, sabiex b'hekk titqieghed fl-*istatus quo ante* u tghaddi minn process ta' dixxiplina li jattwa l-principju ta' gustizzja naturali. Filwaqt li ticcita

estensivament mis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Antoinette Vella vs CareMalta Limited**, deciza fil-21 ta' Mejju, 2010, targumenta li hija giet pregudikata ulterjorment peress li kuntrarjament ghal dak li gara fil-kaz citat minnha, hija ma nghatat ebda kumpens ghaz-zmien li hija damet quddiem it-Tribunal tissielet ghad-drittijiet taghha.

7. Kwindi l-appellanti principali titlob riforma fid-decizjoni appellata u filwaqt li titlob konferma safejn gie deciz li t-terminazzjoni tal-impieg kienet ingusta u saret bi ksur tal-ligi, u fejn ordnat li hija ghandha tinghata l-impieg lura, tibdilha billi tordna li l-Assocjazzjoni intimata thallasha dawk l-arretrati ta' pagi u hlasijiet statutorji li akkumulaw mid-data tal-licenzjament sad-data ta' l-ingagg mill-gdid u tordna li l-intimata ghandha tiffaccja proceduri dixxiplinari a bazi ta' akkuza bil-miktub u jibqa' impregudikat il-jedd tal-appellanti ghal revizjoni ta' eventwali decizjoni dixxiplinarja minn Tribunal indipendenti.

8. L-appellata wiegbet illi (i) r-rikors tal-appell huwa mproponibbli in kwantu l-Artikolu 82 (3) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi li fil-kazi ta' tkeccija minghajr kawza gusta, jkun hemm dritt t'appell fuq punt ta' ligi. (ii) Targumenta li ladarba l-appellanti fit-talbiet originali taghha stradat lit-Tribunal Industrijali fis-sens li jaghti l-provvedimenti opportuni ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, fosthom li tigi re-integrata fl-impieg taghha, ma kienx hemm lok ghal decizjoni kompensatorja li strettament ghandha tinghata meta (a) ma jkunx hemm talba specifika ghal re-integrazzjoni fl-impieg jew (b) it-Tribunal jidhirlu li ma kellux jaghmel ordni ta' re-integrazzjoni. (iii) Fir-rigward tal-ilment tal-appellanti li jitratta n-nuqqas tat-Tribunal Industrijali li jaccenna ghat-talba taghha ghal kumpens, hija tirreferi ghad-dispost tal-Artikolu 235 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. Il-Malta Football Association, filwaqt li rreferiet ghad-dispost tal-Artikolu 240 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, inqdiet bl-appell principali sabiex ressqet l-appell incidentali taghha. Fl-appell incidentali jinghad li l-Assocjazzjoni wkoll ghandha gravam wiehed xi tressaq, senjatament dak fejn jinghad li l-formazzjoni tad-decizjoni tat-Tribunal kienet imsejsa fuq deficjenza objettiva li wasslet ghal certu kontradittorjetà jew nuqqas ta' koerenza logika fis-sentenza li tippermetti revizjoni minn din il-Qorti.[1] Issostni li b'referenza ghall-pagni 4 sa 8 tad-decizjoni, filwaqt li t-Tribunal kkostata proprju l-linja difensjonali taghha, li t-terminazzjoni tal-impieg kienet dettata minn

[1] F'dan is-sens issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tal-21 ta' Mejju, 2010, fl-ismijiet **Antoinette Vella vs CareMalta Ltd.**

assentejizmu kontinwu u mhux gustifikat minn fuq il-post tax-xoghol, it-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni li l-impjegata nstabet hatja minghajr l-opportunità li tiddefendi ruhha, kwindi tishaq li l-formazzjoni tal-konvinciment tat-tribunal kienet imsejsa fuq deficjenza objettiva. Targumenta li l-addebitu dixxiplinarju ma kienx difendibbli, kwindi fid-dispositiv tad-decizjoni t-Tribunal waqa' f'kontradittorjetà assoluta. Ghalhekk l-Assocjazzjoni titlob li filwaqt jigi michud l-appell principali, jintlaqa' l-appell incidentali taghha billi tigi rrevokata, mhassra u annullata d-decizjoni appellata tat-Tribunal Industrijali tas-27 t'April, 2017, u konsegwentement tichad it-talbiet kollha ta' Pauline Basile Pace, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

10. Fir-risposta taghha ghall-appell incidentali, Basile Pace tikkontendi li l-kostatazzjoni maghmula mit-Tribunal mhix dik ventilata fl-appell incidentali u li l-pagni citati fl-appell incidentali huma biss sintezi tax-xhieda mressqa mill-partijiet. Tishaq li t-Tribunal m'avvallax il-provi mressqa mill-Assocjazzjoni dwar l-allegat assenteizmu, izda ffoka fuq il-punt li ma nghatax smiegh xieraq lir-rikorrenti, li ma kellha ebda opportunità tiddefendi ruhha, kif wara kollox jirrizulta mid-decide tas-sentenza appellata. Jinghad li dan kollu ghandu se mai jsostni l-appell principali taghha, peress li t-Tribunal ma dahalx fil-materja tal-allegat assenteizmu u kwindi ma hemm ebda kontradizzjoni kif suggerit mill-Assocjazzjoni. Fi kwalunkwè kaz tishaq li l-appell incidentali mhuwiex ammissibli skont il-ligi peress li mhux bbazat fuq xi punt ta' dritt, in kwantu tistieden lil din il-Qorti tikkunsidra l-provi mill-gdid.

11. Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet waqt is-seduta tat-2 ta' Frar, 2018 u rat l-atti kollha tal-kawza.

**Konsiderazzjoni.**

12. Kull parti ssostni li l-appell li pprezentat il-parti l-ohra, ma fihx punt ta' dritt. L-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:-

> *"(3) Fil-każi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta u fil-każi li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal skont l-artikolu 75(1)(a) u (b), jkun hemm dritt ta' appell* ***fuq punt ta' liġi****."*

13. Fis-sentenza **Kenneth Vella vs Seabank Catering Co. Ltd** tat-23 ta' Mejju, 2008,[2] din il-qorti qalet:

[2] Appell Inferjuri Numru 38/2007.

*"Hu principju ripetutament affermat minn din il-Qorti illi l-punt ta' ligi li jirrendi ammissibbli l-impunjattiva tas-sentenza moghtija mit-Tribunal adit, jew, del resto wkoll, minn tribunali jew bordijiet ohra fejn id-dritt ta' l-appell hu hekk limitat ghal "punt ta' ligi",* ***irid ikun dak ta' vjolazzjoni jew ta' applikazzjoni falza tal-punt ta' dritt****. Fi kliem iehor, l-aggravju jrid jippostula sew l-allegazzjoni esplicita tal-punt ta' dritt applikat fir-rigward ta' l-elementi tal-provi accertati…".*

Il-Qorti kompliet hekk fil-kaz **Kevin Mark Abela vs S & A Quality Assurance Surveyors Ltd** deciz fil-11 ta' Jannar 2006:

*"Hu x'inhu,* ***id-decizjoni tat-Tribunal (Industrijali) ghal dawk li huma kwistjonijiet u konkluzjoni ta' fatt hi finali u ghalhekk taht dan l-aspett dik id-decizjoni mhix censurabbli minn din il-Qorti****. Hu fil-fatt kriterju direttiv illi jekk il-punt ta' ligi li fuqu sar l-appell jinsab li hu nfondat allura din il-Qorti ta' revizjoni, skont gurisprudenza kostanti fuq ligijiet ohra li similment jaghtu dritt t'appell lilha fuq punt ta' ligi biss, ma tidholx biex tezamina l-fatti. Ara f'dan is-sens* ***Emmanuele Barbara vs Wilfred Podesta noe****, Appell Civili, 28 ta' Gunju 1957 u* ***Vincenzo Vella vs Paolo Grech****, Appell Civili, 24 ta' Marzu 1958".*

14. Huwa gurisprudenzjalment accettat ukoll illi l-motivazzjoni, li hija l-essenza tas-sentenza ghandu jkollha r-ragunijiet li jirriflettu l-verifika korretta tal-fatti u li l-konkluzjoni ghandu jkun fiha dik ir-rabta logika u koerenti ghall-fatti rizultanti mill-atti. Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-21 ta' Mejju, 2010, fil-kawza fl-ismijiet **Antoinette Vella vs CareMalta Limited:**

*"sentenza tista' wkoll titqies difettuza jekk jinstab li din tkun tikkontjeni motivazzjoni kontradittorja, inkoerenti u illogika b'tali mod li jkun jonqos dak il-procediment logiku-guridiku mqieghed ghab-bazi tad-decizjoni. Ara in tema s-sentenza "****Rose Loftus et –vs- Ray Mallia (Blye Engineering Co, Ltd)****", Appell Inferjuri, 9 ta' Lulju, 1999. Aghar minn hekk hi s-sitwazzjoni fejn il-kontradittorjeta tkun tinsab fil-parti deciziva tas-sentenza. Dan ghaliex hi dik il-parti operativa tas-sentenza li taghmel il-gudikat (ara* ***Kollez. Vol. XLII P I p 287****), u dan jinnecessita li almenu din il-parti tkun intelligibbli. Huwa allura l-kompitu ta' din il-Qorti li tikkontrolla jekk l-argoment zvolt mit-Tribunal huwiex konformi ghall-kriterju tal-korrettezza guridika u tal-koerenza logika". Ara "****Middlesea Insurance plc -vs- Paul Caruana et****", Appell Inferjuri, 9 ta' Mejju, 2007;"*

15. Ghal dak li jirrigwarda l-appell incidentali, il-qorti tosserva li s-siltiet tas-sentenza minn pagna 4 sa 8, li semmiet l-intimata, mhumiex ghajr sintezi maghmula mit-Tribunal tal-provi principali li ressqu l-partijiet. Tant hu hekk li fl-ahhar paragrafu ta' pagna 8 proprju jibdew il-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal. L-uniku konsiderazzjoni li ghamel it-Tribunal hi li ghalkemm l-*email* moghtija lir-rikorrenti kien fiha r-ragunijiet li ghalihom gie tterminat l-impieg taghha, ir-rikorrenti tkecciet minghajr ma nghatat l-opportunità li tiddefendi lilha nnifisha. Din il-konsiderazzjoni tat-Tribunal torbot sew mal-konkluzjoni tas-sentenza fejn jinghad li l-metodu sommarju ta' tkeccija wassal ghal ksur tal-principju ta' gustizzja naturali ladarba.

16. Din il-Qorti ma tarax li hemm inkoerenza fis-sentenza appellata tat-Tribunal, in kwantu d-decide hija s-sekwenza logika ghall-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal.

17. Il-qorti ma taqbel xejn mat-Tribunal li ghamel iktar minn tlett snin jisma' l-provi u mbaghad iddecieda biss li t-tkeccija kienet ingusta ghaliex ir-rikorrenti ma nghatatx l-opportunita li tiddefendi ruhha, minghajr ma qal xejn dwar il-meritu li wassal biex ir-rikorrenti tkecciet mill-impieg. Dwar dan kull parti ressqet il-provi, izda t-Tribunal ghazel li ma jiddecidix dwarhom.

18. Fl-appell incidentali l-intimata staqsiet:

*"(a) fl-isfond li l-esponenti kienet koncedenti hafna mal-appellanti tul l-ewwel fazijiet tal-maternita' taghha (pagni 4 u 5, deposizzjoni 10 ta' Novembru 2015); (b) fl-isfond li wara t-terminazzjoni tal-impieg gie skopert li l-appellanti kienet tqatta' hinha fuq ix-xoghol tikkorrispondi ma' terzi ghall-finijiet tan-negozju ta' zewgha (pagni 5,6 u 7, deposizzjoni 10 ta' Novembru 2015); (c) fl-isfond li f'Ottubru tas-sena 2013 l-appellanti giet infurmata minn ufficjali gholja tal-esponenti li ma kienx fadlilha leave u li ma setghetx tiehu leave mill-granet lilha koncessi fis-sena sussegwenti 2014 (pagni 10 u 11 depozizzjoni 10 ta' Novembru 2015); (d) fl-isfond tal-fatt li l-appellanti (li kienet taf li kienet ikkunsmat il-leave kollu taghha ghas-sena 2013 u fl-isfond tal-fatt li kienet giet infurmata b'dan u li kienet giet infurmata wkoll li ma setghetx tapplika ghal iktar leave), xorta wahda ttantat tapplika ghal-leave f'Dicembru ta' dik l-istess sena (pagan 11 deposizzjoni 10 ta' Novembru 2015); (e) fl-isfond tal-fatt li koincidentalment meta tali applikazzjoni giet rifjutata mill-esponenti, l-appellanti mardet (!) u certifikat ma pproducietx (pagna 17 deposizzjoni 10 ta' Novembru 2015) ? It-twegiba hija wahda: assolutament xejn".*

19. Ir-rikorrenti saret taf li tkecciet mix-xoghol permezz ta' *email* li Norman Darmanin Demajo, President tal-Malta Football Association, baghtilha fit-2 ta' Jannar, 2014. Fiha jinghad li:

i. Ir-rikorrenti kienet assenti mix-xoghol matul is-27, 30 u 31 ta' Dicembru 2013. **Fatt mhux kontestat**.
ii. Ghalkemm fis-27 ta' Dicembru 2013 zewgha gharrafhom li kienet ma tiflahx, naqset milli ttihom certifikat tal-mard. **Fatt mhux kontestat**.
iii. Kien hemm okkazzjonijiet meta r-rikorrenti tkun qeghda x-xoghol u taqbad u titlaq minghajr titlob permess. **Mhemmx prova ta' dan.** Tant hu hekk li lanqas ma tressqu provi ta' avvizi bil-miktub. Ghalkemm fl-appell incidentali jinghad li t-terminazzjoni tal-impieg kienet minhabba, *"**assentejizmu kontinwu minn fuq il-post tax-xoghol,** assentejizmu mhux awtorizzat, assentejizmu mhux gustifikat u fuq kollox assentejizmu li l-appellanti, ex admissis, kieent taf li ma kellhiex dritt ghalih"*, l-uniku prova hi dwar l-imsemmija tlett dati. Jekk kien hemm l-assentejizmu kontinwu li tirreferi ghalih l-intimata, l-ahjar

xhud kellu jkun Dr Chris Bonett li kien is-superjur tar-rikorrenti. Pero' fl-ebda parti tad-deposizzjoni tieghu ma kkonferma din l-allegazzjoni.

20. Il-qorti ma taqbel xejn mar-ragunament tal-intimata. In-nuqqasijiet li semmiet ma jfissrux li principal ragonevoli kellu jkecci lill-impjegat. Principal ragonevoli qabel jiehu decizjoni li jkecci lir-rikorrenti, kellu:

i. Fl-ewwel lok jitlob ghal certifikat tal-mard. F'dan il-kaz fis-27 ta' Dicembru, il-principal kien gie nfurmat li r-rikorrenti kienet ma tiflahx. F'dan il-kaz ma jirrizultax li l-principal talab ghal certifikat tal-mard. Fil-fatt jirrizulta li fit-2 ta' Jannar 2014 ir-rikorrenti dahlet lura x-xoghol u hadd ma kellimha dwar il-fatt li ma marritx xoghol fis-27, 30 u 31 ta' Dicembru. Fil-fatt kien l-ghada meta r-rikorrenti waslet ix-xoghol li r-*receptionist* tatha email by hand miktuba minn Darmanin Demajo u li biha avzaha li tkecciet mill-impieg;
ii. Jekk ic-certifikat tal-mard ma jinghatax, kellu jiddiskuti l-kaz mar-rikorrenti sabiex jigbor it-taghrif biex jiddetermina kienx hemm fatturi li jimmitigaw dak in-nuqqas;
iii. Jiddiskuti l-kaz mas-superjur dirett tal-impjegata, li f'dan il-kaz jidher li kien l-avukat Dr Chris Bonett u kien jahdem fil-qrib mar-rikorrenti;
iv. Jikkunsidra s-snin twal ta' servizz li tatu u l-*past record* tal-impjegata;
v. Jikkunsidra kienx hemm rimedji iktar adattati f'kaz li jikkonkludi li l-impjegat naqas;

21. F'dan il-kaz hu evidenti li Darmanin Demajo ma kellux fiduċja fir-rikorrenti tant hu hekk li, *"... hafna xoghol minghandi ma kellhiex* ***ghax jiena <u>ma kontx nafdaha</u> jigifieri...."*** Ir-raguni ghal din in-nuqqas ta' fiducja probabbilment kienet minhabba l-fatt li r-rikorrenti kienet ghamlet snin twal assistent personali ta' Dr Mifsud li kien President tal-MFA ghal snin twal qabel Darmanin Demajo. Dr Mifsud xehed quddiem it-Tribunal u spjega dwar ir-rwol importanti li kellha r-rikorrenti fl-MFA meta kien President u dwar il-fiducja assoluta li kellu fiha. Issa hu fatt maghruf li bejn Darmanin Demajo u Dr Mifsud kien hemm dizgwid kbir.

22. B'riferenza ghal dak li qalet l-appellata fl-aggravju, il-qorti tosserva:

i. Ir-raguni ghat-terminazzjoni tal-impieg kienet dik li nghatat fl-email u mhux xi raguni ohra. F'kull kaz mill-ftit *emails* li pprezentat l-intimata, ma jistax jinghad li hemm provi cari li r-rikorrenti kienet qeghda tqatta l-hin taghha fil-posta tax-xoghol, taghmel xoghol privat. Il-kopja tal-*emails* li gew prezentati huma semplicement *forward* ta' *emails*.

ii. Ghalkemm jidher li r-rikorrenti kienet infurmata li kkunsmat il-*leave* kollu ghas-sena 2013, il-fatt li setghet applikat ghal-*leave* fit-30 u 31 ta' Dicembru, 2013 ma kellhiex isservi ta' raguni biex titkecca. Wara kollox il-principal kellu r-records tal-leave li hadet ir-rikorrenti;
iii. Il-fatt li l-intimata ma marritx xoghol fis-27 ta' Dicembru, 2013 u ma pprezentatx certifikat tal-mard, ma jfissirx li ma kinitx marida. Hu veru li rrizulta li kienet applikat ghall-leave fir-rigward tal-ahhar jumejn tas-sena 2013. Pero' dik m'hijiex prova b'sahhitha bizzejjed biex min irid jiggudika jikkonkludi li mhuwiex veru li ma kinitx marida. Bhala fatt lanqas ma jirrizulta li ntalbet tipprezenta certifikat tal-mard, u l-principal lanqas ma baghatilha tabib id-dar sabiex isiru l-verifiki jew ghallinqas fit-30 ta' Dicembru, 2013 ghamel kuntatt maghha.

23. Il-qorti taghmilha cara li minkejja dak li ntqal, ma taqbilx mal-agir tar-rikorrenti. Ladarba qalet li kienet ma tiflahx, messha pprezentat certifikat tal-mard. Il-principal ghandu dritt jezigi li jinghata certifikat tal-mard. Pero' hemm bahar jaqsam bejn li principal jiehu provvediment kontra impjegat wara li jaghtih opportunita jispjega ruhu u jipprezenta certifikat tal-mard, u d-decizjoni li ha Darmanin Demajo fis-sahna tal-mument li jaqbad u jkecci lir-rikorrenti għaliex ikkonkluda li kien kaz ta' assentejizmu mhux awtorizzat. It-tkeccija ghandha tkun l-ahhar mizura li jirrikorri ghaliha l-principal. Dan hu kaz li facilment kien jissolva kieku l-impjegata ntalbet spjegazzjoni. Pero' hu evidenti li Darmanin Demajo ma kienx jafda lir-rikorrenti sa mil-bidunett li sar President tal-MFA, u tghidlu x'tghidlu xorta kien ikeccieha. Dr Chris Bonett stess, li dak iz-zmien kien Vici President tal-MFA, mistoqsi jekk kienx issuggerixxa lil Darmanin Demajo biex ikellmu lir-rikorrenti qabel titkecca, wiegeb: *"**Le, ghax il-President kien determinat**…. u l-President ha d-decizjoni illi mela gialadarba kienet infurmata illi ma tistax tiehu iktar leave l-impieg taghha ghandu jigi tterminat"*. Dan zgur li mhuwiex agir ta' principal ezemplari.

24. Fic-cirkostanzi l-qorti ma taqbel xejn mal-intimata li, *"L-addebitu dixxiplinarju ma kienx difendibbli"*. Ghaldaqstant, l-appell incidentali hu michud.

25. Imiss li jigi kkunsidrat l-appell tar-rikorrenti li filwaqt li taqbel mas-sentenza safejn iddikjarat li t-tkeccija kienet ingusta, tilmenta dwar ir-rimedju li nghatat. Ir-rikorrenti argumentat li kellha tinghata wkoll kumpens konsistenti fl-arretrati ta' pagi u hlasijiet statutorji li akkumulaw mid-data tal-licenzjament sad-data tal-ingagg mill-gdid u tordna li l-intimata ghandha tiffaccja proceduri dixxiplinari a bazi ta' akkuza bil-miktub, u jibqa' impregudikat il-jedd tal-appellanti ghal revizjoni ta' eventwali decizjoni

dixxiplinarja minn Tribunal indipendenti. It-talba tal-appellanti hi sabiex din il-qorti:

*"… tirriforma d-decizjoni tas-27 ta' April 2017 …. billi tordna li l-assocjazzjoni appellata thallas lill-appellanti dawk l-arretrati ta' pagi u hlasijiet statutorji li akkumulaw fil-perjodu mid-data tal-licenzjament sad-data tal-ingagg mill-gdid, u tordna li l-intimata ghandha tiffaccja proceduri dixxiplinarji abbazi ta' akkuza bil-miktub li l-appellata tista' taghmel fil-konfront taghha……"*

26. Jibda billi jinghad li fil-fehma ta' din il-qorti m'hemmx dubju li dan hu punt ta' dritt. Fir-rikors promotur ir-rikorrenti talbet:

*"Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob li dan it-Tribunal joghgbu jisma' dan il-kaz tat-tkeccija taghha mill-impieg u jaghti provvedimenti skond il-ligi,* ***inkluz li jikkundanna lill-kumpannija intimata taccetta lill-esponenti lura ghax-xoghol u jikkundanna lill-istess kumpannija thallas lill-esponenti dak il-kumpens li t-Tribunal jidhirlu xieraq."***

27. Hekk ukoll fid-Dikjarazzjoni tal-kaz tar-rikorrenti jinghad:

*"Ghaldaqstant, in vista ta' dak kollu suespost dan it-Tribunal huwa umilment mitlub jiddikjara u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg taghha minn mal-assocjazzjoni intimata kienet wahda ingusta u joghgbu jaghti l-provvedimenti kollha opportuni f'dan ir-rigward* ***ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta fosthom li l-esponenti tigi re-integrata f'xogholha u tithallas kumpens gust."***

28. L-artikolu 81(2) tal-Kap.452 jipprovdi:

*"(a) f'każi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta, jekk ma jkunx hemm talba speċifika biex jerġa' jidħol fl-impieg jew jerġa' jiġi impjegat, jew it-Tribunal jiddeċiedi li ma għandux jagħmel ordni biex jerġa' jidħol fl-impieg jew jerġa' jiġi impjegat kif intqal qabel, it-Tribunal għandu jagħti sentenza ta' kumpens, li għandha titħallas mill-prinċipal lil min jagħmel l-ilment, rigward it-tkeċċija:"*

29. Fil-kaz in ezami, t-Tribunal iddecieda li r-rikorrenti tinghata lura l-impieg. Il-qorti fehmet li l-ordni kienet fis-sens li tigi *reinstated* fl-impieg li kellha qabel it-tkeccija. Minn meta tkecciet (2 ta' Jannar, 2013) sakemm inghatat is-sentenza 27 ta' April, 2017 ghaddew iktar minn erba' (4) snin. Sal-lum il-qorti qeghda tifhem li l-ordni tat-Tribunal ghadha ma twettqitx.

30. Hawn ukoll il-qorti ma taqbilx mat-Tribunal dwar il-mod kif wasal biex iddecieda x'rimedju ghandu jinghata lir-rikorrenti. Skont l-artikolu 81(1) tal-Kap. 452 ordni ta' *reinstatement* jew *re-engagement* ghandha ssir jekk, ***"it-Tribunal jidhirlu li <u>jkun prattikabbli</u> u skont l-ekwita"***, li jinghata dan ir-rimedju. Fis-sentenza mhemm l-ebda konsiderazzjoni dwar jekk huwiex prattikabbli li r-rikorrenti terga' tigi *reinstated*, iktar u iktar meta tqies kemm damu pendenti l-proceduri quddiem it-Tribunal u li Darmanin Demajo

ghamilha cara li ma jafdax lir-rikorrenti. Sitwazzjoni li l-qorti fehmet li ilha hekk sa minn meta nhatar President tal-MFA. Hu car daqs il-kristall li l-President tal-MFA m'ghandux pjacir jahdem mar-rikorrenti. Minghajr ma jrid wiehed jistaqsi, kemm hu ghaqli li r-rikorrenti terga' tintbaghat lura tahdem f'ambjent bhal dak? Hu veru li r-rikorrenti ghamlet it-talba biex tinghata lura l-impieg taghha, pero' l-qorti ghandha dubji serji kemm irriflettiet dwarha. Meta ssir talba simili l-impjegat irid jiftakar li hafna drabi ser ikun qieghed jirritorna ghal post ta' xoghol fejn ikun *persona non grata*. Dan iktar u iktar f'dan il-kaz fejn l-intimata hi assocjazzjoni sportiva fejn in-numru ta' impjegati mhuwiex kbir. Hekk ukoll f'dan il-kaz mhemmx provi dwar x'gara wara li r-rikorrenti tkecciet; per ezempju jekk l-MFA impjegatx lil haddiehor flok lir-rikorrenti, jekk hemmx post vakanti ghar-rikorrenti, u x'ghamlet ir-rikorrenti matul dawn is-snin. Dan hu taghrif rilevanti li t-Tribunal Industrijali kellu jizgura li jinghata qabel jiehu decizjoni bhal dik. M'huwiex possibbli li Tribunal jiddeciedi dwar il-prattikabbilita' ta' rimedju bhal dak, minghajr ma jkollu taghrif simili. Sabiex ordni simili tkun prattikabbli, trid tkun kapaci li titwettaq b'success. Hu essenzjali wkoll li meta Tribunal jaghti ordni simili, jimmotiva d-decizjoni.

31. M'hemmx dubju li t-Tribunal ghandu diskrezzjoni wiesa', pero' fit-tehid tad-decizjoni t-Tribunal ghandu jikkunsidra u jiddeciedi b'mod li jkun konformi ma' dak li trid il-ligi, u fl-istess hin jispjega x'ikun wasslu biex jiddeciedi b'dak il-mod. Kull kaz ghandu c-cirkostanzi partikolari tieghu, u t-Tribunal ghandu dmir li jezercita d-diskrezzjoni li taghtih il-ligi b'mod ghaqli u ragunat. Dan wara li jkun inghata l-informazzjoni kollha li hi mehtiega sabiex jiddeciedi jekk it-talba hijiex prattikabbli. **Madankollu gialadarba m'hemmx aggravju dwar l-ordni li r-rikorrenti terga' tinghata l-impieg li kellha, il-qorti m'hijiex ser thassarha**.

32. Fir-rikors promotur l-appellanti talbet ukoll li tinghata kumpens.

33. Fejn it-Tribunal jordna li l-impjegat jerga' jidhol fl-impieg jew jerga' jigi impjegat mill-principal, ghandu wkoll *"jaghti l-kondizzjonijiet li taht hom jidhirlu xieraq li min jaghmel l-ilment ghandu jerga' jidhol fl-impieg tieghu jew jerga' jigi mpjegat"* (artikolu 81(1) tal-Kap. 452). Dwar dan m'hemm xejn fis-sentenza. Din il-qorti zgur li mhijiex ser toqghod tispekula x'setghet kienet l-intenzjoni tat-Tribunal Industrijali.

34. It-Tribunal ma ddikjarax jekk ir-rikorrenti ghandhiex tircievi arretrati ta' pagi, kif qeghda tippretendi li tithallas (ara wkoll rikors promotur fejn talbet hlas ta' kumpens). Ovvjament din hi materja li jrid jiddeciedi t-Tribunal ladarba saritlu talba ghall-hlas, wara li jqies per ezempju jekk bejn id-data tat-

tkeccija u d-data ta' meta l-impjegat jerga' jiddahhal lura fl-impieg, ir-rikorrenti kinitx qeghda tircievi salarju minghand principal iehor, jew xi beneficcji socjali. Materja li t-Tribunal ma ddecidiex dwarha. Din il-qorti tiddeciedi biss dwar punti ta' ligi. M'hijiex il-forum fejn ghandu jigi likwidat kumpens li ghandu jithallas lill-impjegat jew fejn jigu stabbiliti kondizzjonijiet. Dak hu xoghol it-Tribunal Industrijali.

35. L-appellata ghandha ragun li t-Tribunal ma cahadx u lanqas ma laqa' t-talba dwar il-kumpens. L-appellata ghamlet riferenza ghall-artikolu 235 tal-Kap. 12 li jipprovdi:

*"Meta l-qorti tal-ewwel grad thalli barra fid-decizjoni wahda mit-talbiet proposti, ma jinghatax appell ab omissa decisione".*

36. Madankollu fil-Kap. 452 m'hemmx disposizzjoni li taghmel l-imsemmija disposizjoni applikabbli fir-rigward ta' appell minn decizjoni tat-Tribunal Industrijali.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tichad l-appell incidentali bl-ispejjez kontra l-intimata.**

2. **Fir-rigward tal-appell tar-rikorrenti tillimita ruhha biex tiddikjara li t-Tribunal Industrijali naqas milli jiddeciedi dwar it-talba relatata mal-hlas li tippretendi r-rikorrenti u ghaldaqstant tibghat l-atti lura quddiemu sabiex jiddeciedi dwar dik it-talba. Spejjez tal-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet gialadarba ma kienx tort ta' xi parti fil-mod kif iddecieda t-Tribunal.**

Anthony Ellul.